MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT MANGION**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 317/2010

Kawza fil-lista: 34

**A B C**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; l-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-minuri D E F; G F u H J**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

1. Illi hija izzewget lil G F, fid-19 ta' Novembru 2003, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala OOK BP1.

2. Illi hija sseparat minn ma' G F u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 12 ta' Novembru 2009, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala OOK BP2.

3. Illi hija kellha relazzjoni ma' certu H J minn liema relazzjoni twieled tifel, D E F, li twieled fid-9 ta' Lulju 2010, kif jirrizulta mill-anness certifikat ta-twelid immarkat bhala OOK BP3.

4. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid, il-konvenut G F huwa mnizzel bhala missier it-tarbija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi kif kontemplat fl-artikolu 67 tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, G F m'huwiex il-missier naturali ta' l-imsemmi minuri, imma fil-fatt huwa H J missier il-minuri.

6. Illi in effetti saret anke dikjarazzjoni minn zewg xhieda, Precious Eguaveon u Mercy Mifsud, fejn huma ddikjaraw li matul il-perjodu kollu ta' tlett mitt gurnata qabel it-twelid tal-minuri, l-attrici u l-konvenut G F kienu de facto separati (DOK BP4 u DOK BPS).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li ai finijiet u effetti kollha tal-ligi l-konvenut G F m'huwiex il-missier naturali tal-minuri D E F.

2. Tiddikjara illi l-missier naturali ta' D E F huwa H J.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri D E F, billi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji tal-missier, dawn jithassru u jitnizzel illi l-missier huwa l-konvenut H J u jigu inseriti fid-dettalji tal-minuri.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ddikjara:-

Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-integrita u effikacita tal-gudizzju li r-rikorrenti tispecifika bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-isem tal-minuri D E F fl-okkju tal-kawza odjerna;

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri D E, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it- twelid tal- minuri D E, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat H J u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lill-H J bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri D E, u dan ai termini tal-artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali maghluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D E ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha li jgib in-numru ta' skrizzjoni 2212 tas-sena 2010 ;

Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l- esponenti jinvita lill-istess H J sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri H J, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6)

isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla H J. Tali informazzjoni hija mehtiega biex
tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit H J;

Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri H J trid taghzel liema kunjom ha jzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut G F li permezz taghha iddikjara illi huwa jaqbel mal-hames premessa tac-citazzjoni fuq imsemmija u cioe’ illi huwa ma huwiex il-missier naturali ta’ iben A B C stante illi ghalkemm huwa gie debitament awtorizzat illi jersaq fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni minn mar-rikorrenti fit-3 ta’ Novembru, 2009, huwa kien ilu ma jkollu relazzjoni intima mar-rikorrenti sa mill-inqas mill-bidu tas-sena 2009.

Illi huwa m’ ghandux ibati l-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut H J waqt is-seduta tal-1 ta’ Marzu 2012 fejn iddikjara li huwa jaqbel mat-talbiet attrici.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u x-xhieda moghtija viva voce.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li tifla D E F li twieldet fid-9 ta' Lulju 2010 u li fl-att tat-twelid taghha numru 2212 giet registrata bhala bint il-konvenut G F hija fil-fatt il-bint naturali tal-konvenut H J.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attrici sseparat *de facto* minn ma' zewgha l-konvenut G F minn ta' lanqas Mejju 2009 u minn dak iz-zmien qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha.

Il-konjugi F isseparaw legalment b'kuntratt tat-12 ta' Novembru 2009. Sussegwentmenet l-attrici kellha relazzjonijiet intimi esklussivament mal-konvenut H J inkluz iz-zmien li fih giet koncepita t-tifla u fil-perijodu bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri. Ghalhekk it-tifla hija l-wild naturali ta' dan il-konvenut.

Illi t-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikatament din it-tezi ta' l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha ai termini tal-artikoli

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li, filwaqt li tiddikjara l-konvenut G F ma hux il-missier naturali tal-minuri D E F; tiddikjra li l-konvenut H J huwa l-missier naturali tal-minuri D E F li twieldet mill-attrici fid-9 ta' Lulju 2010 tordna li l-att tat-twelid fuq imsemmi jigi korrett fit-termini tat-tielet talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut H J.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------